MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2009

Numru 17/2009

Il-Pulizija
(Spettur Kevin J. Farrugia)

vs

Biagio Carmelo Gagliano

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 0008987(A) akkuzat talli:

1. gewwa Triq Francisco Ximenes, Naxxar u f'bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer Maltin fil-lejl ta' bejn it-8 ta' Jannar, 2009 u d-9 ta' Jannar, 2009 u fix-xhur ta' qabel b'diversi atti maghmulin b'rizoluzzjoni wahda:

i. bl-imgieba tieghu kkaguna lil Sylvanna Tanti – I.D 366871(M) u lil membri ohra tal-istess familja, biza li ser tintuza vjolenza kontrihom, meta hu kien jaf jew messu kien jaf li dik l-imgieba tieghu se tikkagunalhom biza;

ii. gab ruhu b’tali mod li taha fastidju lil Sylvanna Tanti – I.D 366871(M) u lil membri ohra tal-istess familja, b’mod li jkun jaf jew kien imissu jkun jaf li dan kien ta’ fastidju ghal persuni taghhom;

iii. ghamel hsara volontarja ghad-dannu ta’ Sylvanna Tanti – I.D 366871(M), u terzi persuni ohra, gewwa Nru 43, Mr. T Flats, Triq Francesco Ximenes, Bahar ic-Caghaq limiti tan-Naxxar liema ammont tal-hsara hu izjed minn elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€ 1,164.69)

2. gewwa Triq Francisco Ximenes, Naxxar u f’bnadi ohra f’dawn il-Gzejjer Maltin fil-lejl ta’ bejn it-08 ta’ Jannar, 2009 u d-09 ta’ Jannar, 2009:

iv. attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b’hebb ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku u cioè kontra PC 756 J. Xuereb u pulizija ohra waqt li kienu qed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi;

v. zamm u garr strument li jaqta’ u bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

vi. hebb kontra l-persuna ta’ Sylvanna Tanti – I.D 366871(M) sabiex jingurja, jdejjaq jew jaghmel hsara lil din il-persuna jew lil haddiehor.

vii. f’lok pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku, instab fis-sakra b’mod li ma setax jiehu hsieb tieghu innifsu;

viii. volontarjament kiser il-bon ordni w il-paci pubblika b’ghajjat u glied;

ix. bil-lejl, kiser il-mistrieh tan-nies b’ghajjat;

Il-Qorti mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta tal-persuna ta’ Sylvana Tanti – I.D 366871(M) u membri tal-familja u torbot l-imputat b’dawk il-kundizzjonijiet li jidhrilha xieraq u dan ai termini tal-artikolu 383 tal-Kap 9, kif ukoll minbarra u/jew flimkien mal-piena applikabbli, tapplika fil-konfront tal-hati l-ordni ta’ protezzjoni a terminu tal-artikolu 412C tal-Kodici Kriminali u taghmel Ordni ta’ Protezzjoni taht dawk il-kawtieli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema’ sommarjament mhux opposta;

Semghet lill-imputat jirregistra ammissjoni fuq liema huwa insista anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra, u lill-kwerelanta tahfer lill-imputat ‘seduta stante’.

Accertat li l-imputat jifhem bil-lingwa tal-Malti;

Ikkonsidrat:

Illi stante l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat u l-mahfra tal-kwerelanta fl-udjenza tal-lum l-Qorti qeghda tiddikjara l-imputat hati tal-akkuzi kontrih dedotti.

Rat l-Artikolu 251A (1) (b) (4), 251B, 325(a), 96, 339(d), 338(m) (dd) (ff), 17 tal-Kap 9 u Artikolu 6, 51(7) tal-Kap 480.

Tiddeciedi fir-rigward r-raba, l-hames, is-seba’, it-tmien u d-disa’ akkuzi li tikkundannah somma komplessiva ta’ 70 euro komplessivament (multa jew ammenda skond il-kaz) li tikkoncedi li jithalsu b’rati mensili ta’ 20 euro kull l-ahhar ta’ kull xahar konsekuttivament u sussegwentament bid-dekadenza taz-zmien jew altrimenti konvertibli f’gimgha prigunerija u bl-ewwel pagament li jsir sal-ahhar ta’ Jannar 2009. Ghall-kumplament tal-akkuzi tapplika l-Artikolu 7 tal-Kap 446 ghall-sena mill-lum bil-kondizzjoni li l-akkuzat jaghmel il-programm necessarju u mehtieg biex jehles mill-vizzju tax-xorb.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------